B 5815

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,841, 9 ta' Diċembru, 2011
Taqsima B

A.L. 475 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 biex jemendew l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Licentiate in Sacred Theology – S.Th.L. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Licentiate in Sacred Theology – S.Th.L. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008 għall-grad ta' Licentiate in Sacred Theology – S.Th.L. - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 206 tal-2010, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Ottubru 2011 'l quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 4 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' erba' semestri ta' studju *full-time*. Il-Bord jista' jħalli studenti jaħdmu fuq id-dissertazzjoni fuq bażi *part-time* jekk l-istudenti jippreżentaw raġuni valida għal din it-talba."